REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/975

tas-16 ta' Mejju 2025

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Transfluthrin emanators UA BPF" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Ottubru 2015, Henkel AG & Co. KGaA ressqet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' familja ta' prodotti bioloġiċi bl-isem ta' "UA-BPF" tat-tip ta' prodott 18, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tan-Netherlands qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-DT020592-32 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.

(2) "Transfluthrin emanators UA BPF" fiha t-transflutrina bħala s-sustanza attiva inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 18.

(3) Fit-3 ta' Ġunju 2023, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ressqet rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

(4) Fl-10 ta' Ottubru 2024, l-Aġenzija ressqet l-opinjoni tagħha ([2]), l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") ta' "Transfluthrin emanators UA BPF", u r-rapport finali tal-valutazzjoni dwar din il-familja ta' prodotti bijoċidali lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) L-opinjoni tikkonkludi li "Transfluthrin emanators UA BPF" hija familja ta' prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li hija eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġetta għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fl-24 ta' Ottubru 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal "Transfluthrin emanators UA BPF".

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) ECHA opinion of 18 September 2024 on the Union authorisation of Transfluthrin emanators UA BPF (ECHA/BPC/439/2024), https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

(8) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tirrakkomanda li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jwettaq test tal-istabbiltà tal-ħżin fit-tul għall-prodotti f'meta SPC 2 ta' "Transfluthrin emanators UA BPF" biex jikkonferma ħajja fuq l-ixkaffa ta' 24 xahar f'temperatura ambjentali. It-test jenħtieġ jitwettaq fl-imballaġġ kummerċjali li fih il-prodotti għandhom jitqiegħdu fis-suq u jindirizza l-proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tekniċi rilevanti ta' dak il-prodott, kemm qabel kif ukoll wara l-ħżin. Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija u tqis li s-sottomissjoni tar-riżultati ta' dak it-test jenħtieġ li tkun kundizzjoni marbuta mat-tqegħid fis-suq u mal-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "Transfluthrin emanators UA BPF" skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-fatt li d-*data* trid tiġi pprovduta wara li tingħata l-awtorizzazzjoni ma jaffettwax il-konklużjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjoni skont l-Artikolu 19(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament abbażi tad-*data* eżistenti.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0033413-0000 lil Henkel AG & Co. KGaA għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "Transfluthrin emanators UA BPF", soġġett għall-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I u f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbiliti fl-Anness II.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-12 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2035.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET (EU-0033413-0000)

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jwettaq test tal-istabbiltà tal-ħżin fit-tul għall-prodotti fil-meta SPC 2 ta' "Transfluthrin emanators UA BPF" biex jikkonferma ħajja tal-ħżin ta' 24 xahar f'temperatura ambjentali. It-test għandu jitwettaq fl-imballaġġ kummerċjali li fih il-prodotti għandhom jitqiegħdu fis-suq u għandu jindirizza l-proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tekniċi rilevanti ta' dak il-prodott, kemm qabel kif ukoll wara l-ħżin.

Sat-12 ta' Settembru 2025 id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat ir-riżultati tat-test lill-Aġenzija.

ANNESS II

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali

Transfluthrin emanators UA BPF

Tip(i) ta' prodott

PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0033413-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0033413-0000

PARTI I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	Transfluthrin emanators UA BPF

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Henkel AG & Co. KGaA
	Indirizz	Henkelstrasse 67 40191 Duesseldorf DE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0033413-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0033413-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	It-12 ta' Ġunju 2025	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-31 ta' Mejju 2035	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Godrej Household Products Ltd.
Indirizz tal-manifattur	Pirojshanagar, Eastern Express Highway 400079 Mumbai L-Indja
Post ta' siti ta' manifattura	Godrej Household Products Ltd. site 1 131/1-4, Cuddalore Road, Kattukuppam, Manapet (PO) 607402 Pondicherry L-Indja

Isem tal-manifattur	Zobele Holding S.P.A.
Indirizz tal-manifattur	Via Fersina 4 38100 Trento L-Italja

Post ta' siti ta' manifattura	Zobele Holding S.P.A. site 1 Via Fersina 4 38100 Trento L-Italja

Isem tal-manifattur	Consultoria Técnica e Representações, Lda.
Indirizz tal-manifattur	Loteamento Industrial da Murteira Lotes 23/24 2135-301 Samora Correia Il-Portugall
Post ta' siti ta' manifattura	Consultoria Técnica e Representações, Lda. site 1 Loteamento Industrial da Murteira Lotes 23/24 2135-301 Samora Correia Il-Portugall

Isem tal-manifattur	Schmid Druck + Medien GmbH & Co.KG
Indirizz tal-manifattur	Gewerbepark 5 86687 Kaisheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Schmid Druck + Medien GmbH & Co.KG site 1 Gewerbepark 5 86687 Kaisheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	AJU CO, LTD.
Indirizz tal-manifattur	8-4 GWANGWOL-GIL, OKGU-EUP 539-9 Gunsan City, Jeonbuk Il-Korea (Ir-Repubblika tal-)
Post ta' siti ta' manifattura	AJU CO, LTD. site 1 8-4 GWANGWOL-GIL, OKGU-EUP 539-9 Gunsan City, Jeonbuk Il-Korea (Ir-Repubblika tal-)

Isem tal-manifattur	Laboratorio Chimico Farmaceutico Sanmarinese
Indirizz tal-manifattur	Strada del Marano 95 47896 Faetano San Marino
Post ta' siti ta' manifattura	Laboratorio Chimico Farmaceutico Sanmarinese site 1 Strada del Marano 47896 Faetano San Marino

Isem tal-manifattur	IGO
Indirizz tal-manifattur	Via Palazzo 46 24061 Albano S. Alessandro (Bergamo) L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	IGO site 1 Via Palazzo 46 24061 Albano S. Alessandro (Bergamo) L-Italja

Isem tal-manifattur	Henkel Homecare Korea
Indirizz tal-manifattur	3 Gatbachi-ro, Danwon-gu 425-100 Ansan city, Gyeonggi-do Il-Korea (Ir-Repubblika tal-)
Post ta' siti ta' manifattura	Henkel Homecare Korea site 1 3 Gatbachi-ro, Danwon-gu 425-100 Ansan city, Gyeonggi-do Il-Korea (Ir-Repubblika tal-)

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Transfluthrin
Isem tal-manifattur	Bayer SAS
Indirizz tal-manifattur	16 rue Jean-Marie Leclair CS 90106 69266 Lyon Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Bayer SAS site 1 Plot # 306/3, Phase II, GIDC 396 195 Vapi L-Indja

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Transflutrin		sustanza attiva	118712-89-3	405-060-5	0,95 - 0,95 % (w/w)
Tetrahydromyrcenol	2,6-dimethyloctan-2-ol	Sustanza mhux attiva	18479-57-7	242-361-9	0 - 10,3 % (w/w)
3,5,5-Trimethylhexyl acetate	3,5,5-Trimethylhexyl acetate	Sustanza mhux attiva	58430-94-7	261-245-9	0 - 1,45 % (w/w)
Linalyl acetate	3,7-Dimethyl-1,6-octadien-3-yl acetate	Sustanza mhux attiva	115-95-7	204-116-4	0 - 4,32 % (w/w)
linalool	3,7-dimethyloc-ta-1,6-dien-3-ol	Sustanza mhux attiva	78-70-6	201-134-4	0 - 1,09 % (w/w)
Allyl amyl glycolate	prop-2-enyl 2-(3-methylbutoxy) acetate	Sustanza mhux attiva	67634-00-8	266-803-5	0 - 1,05 % (w/w)

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
beta-Caryophyllene	(1R,4E,9S)-4,11,11-trimethyl-8-methylidenebicyclo[7.2.0]undec-4-ene	Sustanza mhux attiva	87-44-5	201-746-1	0 - 1,02 % (w/w)
dihydromyrcenol		Sustanza mhux attiva	18479-58-8	242-362-4	0 - 2,97 % (w/w)
Isopropyl myristate	1-Methylethyl Tetradecanoate	Sustanza mhux attiva	110-27-0	203-751-4	25 - 85 % (w/w)
terpenyl acetate	(4-methyl-1-propan-2-yl-1-cyclohex-2-enyl) acetate	Sustanza mhux attiva	8007-35-0	232-357-5	0 - 5 % (w/w)
Pentyl salicylate	pentyl 2-hydroxybenzoate	Sustanza mhux attiva	2050-08-0	218-080-2	0 - 2,51 % (w/w)
Cedryl methylether	[3R-(3α,3aβ,6α,7-β,8aα)]-octahydro-6-methoxy-3,6,8,8-tetramethyl-1H-3a,7-methanoazulene	Sustanza mhux attiva	67874-81-1	267-510-5	0 - 0,65 % (w/w)
Camphene	2,2-dimethyl-3-methylidenebicyclo[2.2.1]heptane	Sustanza mhux attiva	79-92-5	201-234-8	0 - 0,34 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	LV Vaporizzatur likwidu VP Prodott li jirrilaxxa l-fwar

PARTI II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Evaporazzjoni passiva

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Transfluthrin		sustanza attiva	118712-89-3	405-060-5	0,95 - 0,95 % (w/w)
Tetrahydromyrcenol	2,6-dimethyloctan-2-ol	Sustanza mhux attiva	18479-57-7	242-361-9	10,3 - 10,3 % (w/w)
Linalyl acetate	3,7-Dimethyl-1,6-octadien-3-yl acetate	Sustanza mhux attiva	115-95-7	204-116-4	4,32 - 4,32 % (w/w)
3,5,5-Trimethylhexyl acetate	3,5,5-Trimethylhexyl acetate	Sustanza mhux attiva	58430-94-7	261-245-9	1,45 - 1,45 % (w/w)
linalool	3,7-dimethylocta-1,6-dien-3-ol	Sustanza mhux attiva	78-70-6	201-134-4	1,09 - 1,09 % (w/w)
Allyl amyl glycolate	prop-2-enyl 2-(3-methylbutoxy) acetate	Sustanza mhux attiva	67634-00-8	266-803-5	1,05 - 1,05 % (w/w)
beta-Caryophyllene	(1R,4E,9S)-4,11,11-trimethyl-8-methylidenebicyclo[7.2.0]undec-4-ene	Sustanza mhux attiva	87-44-5	201-746-1	1,02 - 1,02 % (w/w)
dihydromyrcenol		Sustanza mhux attiva	18479-58-8	242-362-4	2,97 - 2,97 % (w/w)
Isopropyl myristate	1-Methylethyl Tetradecanoate	Sustanza mhux attiva	110-27-0	203-751-4	25 - 25 % (w/w)
terpenyl acetate	(4-methyl-1-propan-2-yl-1-cyclohex-2-enyl) acetate	Sustanza mhux attiva	8007-35-0	232-357-5	5 - 5 % (w/w)

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Pentyl salicylate	pentyl 2-hydroxybenzoate	Sustanza mhux attiva	2050-08-0	218-080-2	2,51 - 2,51 % (w/w)
Cedryl methylether	[3R-(3α,3aβ,6α,7β,8aα)]-octahydro-6-methoxy-3,6,8,8-tetra-methyl-1H-3a,7-methanoazulene	Sustanza mhux attiva	67874-81-1	267-510-5	0,65 - 0,65 % (w/w)
Camphene	2,2-dimethyl-3-methylidenebi-cyclo[2.2.1]heptane	Sustanza mhux attiva	79-92-5	201-234-8	0,34 - 0,34 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	VP Prodott li jirrilaxxa l-fwar

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. H315: Jikkawża irritazzjoni tal-ġilda. H317: Jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P101: Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib. P102: Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P302+P352: JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel b'ħafna ilma. P501: Armi l-kontenut fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji. P501: Armi l-kontenitur fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji. P264: Aħsel idejk sew wara li tużah. P333+P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni jew raxx tal-ġilda: Ikkonsulta tabib. P333+P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni jew raxx tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Kontra l-kamla fil-gwardarobba (evaporazzjoni passiva)

Tip ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Insettiċida
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Tineola bisselliella Isem komuni: kamla tad-drapp Istadju iżvilupp: larva Isem xjentifiku: Tineola bisselliella Isem komuni: kamla tad-drapp Istadju iżvilupp: adulti
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Insettiċida lest biex jintuża- jipproteġi l-ħwejjeġ maħżuna fi gwardarobba jew f'kexxun mill-kamla tal-ħwejjeġ
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Evaporazzjoni passiva mill-kuxxinett (ġarrier taċ-ċelluloża fi spalliera) Deskrizzjoni dettaljata: Neħħi l-prodott mill-pakkett tal-fluss u dendlu fil-gwardarobba fejn jinħażnu l-ħwejjeġ. Għall-aħjar effikaċja, trid tkun possibbli xi ċirkolazzjoni tal-arja madwar il-prodott. Il-prodott iservi għal 3 xhur wara li jiġi attivat. Rilaxx għal 24 siegħa kuljum, 365 jum fis-sena. Perjodu ta' stennija: mhux meħtieġ.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Unità waħda hija biżżejjed biex tipproteġi gwardarobba żgħira (1 m^3) Prodott lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni: Dewmien tal-effikaċja: Effikaċi kontra adulti (3 xhur) u larvi (xahrejn)
Kategorija/i ta' utenti	pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	2.696 g ta' likwidu fuq kuxxinett taċ-ċelluloża ta' 44 mm x 64 mm x 3 mm fil-gaġġa (1 unità) (2, 3, 4, 6, 8 gaġeġ f' pakketti tal-fluss, b'għażla ta' kaxxa tal-kartun esterna) Ġarrier: kuxxinett taċ-ċelluloża, dimensjoni: 44 mm x 64 mm x 3 mm Imballaġġ primarju: cassette/gaġġa tal-ispalliera magħmula minn Polipropilen (PP), tingħalaq bi klipp, dimensjoni: wisa' = 50-60 mm, tul = 90-120 mm, ħxuna = 10-15 mm

	Imballaġġ sekondarju: pakkett tal-fluss magħmul minn Polipropilen Orjentat Biassjalment (BOPP) u Polietilen (PE) u Etilen u alkoħol tal-vinil (EVOH) u PE, magħluq permezz ta wweldjar sħun, eżempji ta' firxa ta' dimensjonijiet (mhux limitati għal dawn): Pakkett ta' 2 unitajiet: 120 x 150 x 15 mm; Pakkett ta' 6 unitajiet: 201 x 110 x 20 mm Kaxxa: karta, kartun, skont in-numru ta' unitajiet

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Segwi l-istruzzjonijiet għall-użu.

Struzzjonijiet dwar l-użu:

Oħroġ il-prodott mill-imballaġġ u poġġih fl-armarji bil-ħwejjeġ jew tessuti oħra li jridu jiġu protetti. Tgħattix il-prodott. Il-prodotti jistgħu jintużaw kontinwament is-sena kollha. Wara l-ħajja tas-servizz tal-prodott (3 xhur), armih u ibdlu b'wieħed ġdid biex tkompli l-protezzjoni.

Perjodu ta' żmien meħtieġ għall-effett bijoċidali:

48 siegħa kontra l-adulti u biex jinkiseb tnaqqis fit-tqegħid tal-bajd

ġimgħa kontra l-larvi

Uża unità waħda għal kull gwardarobba ta' 1m^3

Dan il-prodott bijoċidali fih it-transfluthrin, li huwa perikoluż għan-naħal.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal.

Biex jintuża biss minn adulti.

Uża biss f'pożizzjonijiet mhux aċċessibbli għat-tfal u l-annimali, partikolarment il-qtates

Tużax fuq qtates, qfief tal-annimali domestiċi għall-qtates u fuq oġġetti maħsuba biex jintużaw mill-qtates.

Żomm il-qtates 'il bogħod minn uċuħ ittrattati. Dan il-prodott bijoċidali fih it-transfluthrin li jista' jikkawża reazzjonijiet avversi severi fil-qtates.

It-transfluthrin jista' jkun perikoluż għall-qtates. Jekk iseħħ esponiment, fittex parir minn veterinarju immedjatament u urih il-pakkett.

Aħsel idejk wara li tpoġġi l-prodott fil-post tal-użu.

Tużax direttament fuq jew ħdejn ikel, għalf, ilma tax-xorb jew xarbiet, jew fuq uċuħ jew għodod li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett ma' ikel, għalf, ilma tax-xorb jew xarbiet, jew bhejjem/annimali domestiċi.

Tużax fi kċejjen jew fi kmamar fejn jinħażen l-ikel.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib.

Pyrethroids jistgħu jikkawżaw paresteżija (ħruq u tingiż fil-ġilda mingħajr irritazzjoni). Jekk is-sintome jippersistu: Ikkonsulta tabib.

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna:

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni jew raxx tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

Miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent: il-prodott m'għandux jitħalla jidħol fis-sistema tad-drenaġġ jew jiġi f'kuntatt ma' ilma tal-wiċċ jew ilma ta' taħt l-art.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Armi f'mod sikur skont ma jitolbu r-regolamenti lokali/nazzjonali. Armi l-kontenut u l-kontenitur f'punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali. Evita r-rilaxx fl-ambjent.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ipproteġi mill-ġlata. Aħżen f'post frisk u xott, 'il bogħod mid-dawl tax-xemx dirett.

Żomm fejn ma jintlaħaqx mit-tfal u minn annimali/annimali domestiċi mhux fil-mira.

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 3 snin

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Ġarrier: kuxxinett taċ-ċelluloża, dimensjoni: 44 mm x 64 mm x 3 mm

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Závesný háčik proti moliam s vôňou levandule	qasam tas-suq: UE
	Gancho anti-traças de lavanda	qasam tas-suq: UE

	Lawendowa zawieszka przeciw molom	qasam tas-suq: UE
	Anti-mottenhanger lavendel	qasam tas-suq: UE
	Antitarme alla lavanda da appendere	qasam tas-suq: UE
	Cintre anti-mite à la lavande	qasam tas-suq: UE
	Gancho antipolillas de lavanda	qasam tas-suq: UE
	Κρεμάστρα με λεβάντα κατά των σκόρων	qasam tas-suq: UE
	Anti-Motten-Lavendel-Hänger	qasam tas-suq: UE
	Levandulový závěs proti molům	qasam tas-suq: UE
	Mat TFT 0.95 Lvn	qasam tas-suq: UE
	Anti moth lavender hanger	qasam tas-suq: UE
	Mottenschutz Lavendel	qasam tas-suq: UE
	Vapona Anti-Mot Lavendelgeur	qasam tas-suq: UE
	Anti-Mot Lavendelgeur	qasam tas-suq: UE
	Mottenschutz Lavendel	qasam tas-suq: UE
	Globol Mottenschutz Lavendel	qasam tas-suq: UE
	ANTITARME RICARICABILE LAVANDA	qasam tas-suq: UE
	Vapona Mottencassette Lavendel	qasam tas-suq: UE
	BLOOM GANCHO ANTIPOLILLAS PERFUMADOR LAVANDA	qasam tas-suq: UE
	Vapona Mini Lavender hanger	qasam tas-suq: UE

Numru tal-awtorizzazzjoni		EU-0033413-0001 1-1			
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Transfluthrin		sustanza attiva	118712-89-3	405-060-5	0,95 % (w/w)
Tetrahydromyrcenol	2,6-dimethyloctan-2-ol	Sustanza mhux attiva	18479-57-7	242-361-9	10,3 % (w/w)
Linalyl acetate	3,7-Dimethyl-1,6-octadien-3-yl acetate	Sustanza mhux attiva	115-95-7	204-116-4	4,32 % (w/w)
3,5,5-Trimethylhexyl acetate	3,5,5-Trimethylhexyl acetate	Sustanza mhux attiva	58430-94-7	261-245-9	1,45 % (w/w)
linalool	3,7-dimethylocta-1,6-dien-3-ol	Sustanza mhux attiva	78-70-6	201-134-4	1,09 % (w/w)
Allyl amyl glycolate	prop-2-enyl 2-(3-methylbutoxy) acetate	Sustanza mhux attiva	67634-00-8	266-803-5	1,05 % (w/w)
beta-Caryophyllene	(1R,4E,9S)-4,11,11-trimethyl-8-methylidenebicyclo[7.2.0]undec-4-ene	Sustanza mhux attiva	87-44-5	201-746-1	1,02 % (w/w)
dihydromyrcenol		Sustanza mhux attiva	18479-58-8	242-362-4	2,97 % (w/w)
Isopropyl myristate	1-Methylethyl Tetradecanoate	Sustanza mhux attiva	110-27-0	203-751-4	25 % (w/w)
terpenyl acetate	(4-methyl-1-propan-2-yl-1-cyclohex-2-enyl) acetate	Sustanza mhux attiva	8007-35-0	232-357-5	5 % (w/w)
Pentyl salicylate	pentyl 2-hydroxybenzoate	Sustanza mhux attiva	2050-08-0	218-080-2	2,51 % (w/w)
Cedryl methylether	[3R-(3α,3aβ,6α,7-β,8aα)]-octahydro-6-methoxy-3,6,8,8-tetramethyl-1H-3a,7-methanoazulene	Sustanza mhux attiva	67874-81-1	267-510-5	0,65 % (w/w)
Camphene	2,2-dimethyl-3-methylidenebicyclo[2.2.1]heptane	Sustanza mhux attiva	79-92-5	201-234-8	0,34 % (w/w)

1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Apparati elettriċi

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Transfluthrin		sustanza attiva	118712-89-3	405-060-5	0,95 - 0,95 % (w/w)
Isopropyl myristate	1-Methylethyl Tetradecanoate	Sustanza mhux attiva	110-27-0	203-751-4	85 - 85 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	LV Vaporizzatur likwidu

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. H400: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P103: Aqra sew u segwi l-istruzzjonijiet kollha. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P391: Iġbor it-tixrid. P501: Armi l-kontenut fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji. P501: Armi l-kontenitur fi servizz ta' rimi ta' skart perikoluż skont ir-regolamenti statutorji.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Kontra n-nemus (evaporazzjoni elettrika)

Tip ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Insettiċida
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Culicidae Isem komuni: Nemus Istadju iżvilupp: adulti
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Insettiċida lest biex jintuża - użu fuq ġewwa kontra n-nemus.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Evaporazzjoni elettrika mil-likwidu fid-diffużur Deskrizzjoni dettaljata: -
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 0,63 mg transfluthrin/siegħa 24 siegħa/jum Prodott lest biex jintuża Unità waħda hija biżżejjed biex tittratta kamra b'volum ta' 30 m^3 għal 300 siegħa (flixkun ta' 20 g), 360 siegħa (flixkun ta' 24 g) jew 480 siegħa (flixkun ta' 32 g). Numru u ħin tal-applikazzjoni: 24 siegħa kuljum
Kategorija/i ta' utenti	pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Imballaġġ primarju: flixkun tal-plastik tat-tereftalat tal-polietilen (PET) ta' 20 g (23.43 ml) jew 24 g (28.10 ml) jew 32 g (35 ml) b'tapp bil-kamin tal-polipropilen (PP) Imballaġġ sekondarju: kaxxa tal-kartun li fiha 1, 2, 3 fliexken individwali

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Struzzjonijiet dwar l-użu

Oħroġ il-prodott mill-kaxxa tal-kartun, neħħi l-għatu u poġġih fl-apparat li tipplaggla fl-elettriku. Poġġi d-diffużur elettriku f'sokit ġewwa l-kamra fejn tkun meħtieġa protezzjoni. Tgħattix il-prodott. Għal kontra n-nemus, il-modalità normali hija biżżejjed. Ibdel il-prodott ladarba l-likwidu kollu jintuża. Dan ifisser li ntlaħqet il-ħajja tas-servizz massima. Ladarba l-flixkun ikun vojt (intlaħaq it-tmiem tal-ħajja tas-servizz), armih u ibdlu b'wieħed ġdid biex tkompli l-protezzjoni.

Perjodu ta' żmien meħtieġ għall-effett bijoċidali

Nemus:

1 Siegħa

Uża unità waħda għal kull kamra ta' 30 m^3

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Kontra n-nemus u d-dubbien (evaporazzjoni elettrika)

Tip ta' prodott	PT18: Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Insettiċida
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Culicidae Isem komuni: Nemus Istadju iżvilupp: adulti Isem xjentifiku: Muscidae Isem komuni: Dubbien tad-dar Istadju iżvilupp: adulti
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Insettiċida lest biex jintuża - użu fuq ġewwa kontra d-dubbien u n-nemus.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Evaporazzjoni elettrika mil-likwidu fid-diffużur Deskrizzjoni dettaljata: -

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 1,25 mg transfluthrin fis-siegħa fil-modalità massima, 15-24 siegħa kuljum Prodott lest biex jintuża Unità waħda hija biżżejjed biex tittratta kamra b'volum ta' 30 m^3 għal 150 siegħa (flixkun ta' 20 g), 180 siegħa (flixkun ta' 24 g) jew 240 siegħa (flixkun ta' 32 g). Numru u ħin tal-applikazzjoni: 15-il siegħa kuljum fil-modalità massima jew 12-il siegħa kuljum fil-modalità massima + 12-il siegħa kuljum fil-modalità normali
Kategorija/i ta' utenti	pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Imballaġġ primarju: flixkun tal-plastik tal-PET ta' 20 g (23.43 ml) jew 24 g (28.10 ml) jew 32 g (35 ml) b'tapp bil-kamin tal-PP Imballaġġ sekondarju: kaxxa tal-kartun li fiha 1, 2, 3 fliexken individwali

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Struzzjonijiet dwar l-użu:

Oħroġ il-prodott mill-kaxxa tal-kartun, neħħi l-għatu u poġġih fl-apparat li tipplaggla fl-elettriku. Poġġi d-diffużur elettriku f'sokit ġewwa l-kamra fejn tkun meħtieġa protezzjoni. L-unità tal-mili mill-ġdid għandha tintuża f'apparat elettriku Henkel b'żewġ modalitajiet ta' ħidma (normali u massimu/booster) u b'tajmer. Issettja l-iswiċċ għall-modalità massima (booster) biex tiżgura protezzjoni kemm kontra n-nemus kif ukoll kontra d-dubbien (ara struzzjonijiet ulterjuri fuq l-apparat). Skont il-mudell tal-apparat, dan se jaħdem fil-modalità massima għal 15-il siegħa u mbagħad jieqaf għal 9 sigħat, jew se jaħdem għal 12-il siegħa fil-modalità massima (flimkien ma' 12-il siegħa addizzjonali awtomatiċi ta' protezzjoni min-nemus fil-modalità normali). Fiż-żewġ każijiet, dawn iċ-ċikli ta' kuljum huma ripetuti awtomatikament sakemm il-konsumatur jibdel l-iswiċċ jew jaqilgħu mill-plakka. Tgħattix il-prodott. Ibdel il-prodott ladarba l-likwidu kollu jintuża. Dan ifisser li ntlaħqet il-ħajja tas-servizz massima. Ladarba l-flixkun ikun vojt (intlaħaq it-tmiem tal-ħajja tas-servizz), armih u ibdlu b'wieħed ġdid biex tkompli l-protezzjoni.

Perjodu ta' żmien meħtieġ għall-effett bijoċidali

Nemus u dubbien 4 sigħat

Uża unità waħda għal kull kamra ta' 30 m^3

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 2**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Segwi l-istruzzjonijiet għall-użu.

Neħħi l-għatu u daħħal il-flixkun fl-apparat u pplaggjah fil-post fejn tkun meħtieġa protezzjoni.

Dan il-prodott bijoċidali fih it-transfluthrin, li huwa perikoluż għan-naħal.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Poġġi l-unità tal-vaporizzatur fejn tintlaħaqx mit-tfal.

Biex jintuża biss minn adulti.

Żomm il-qtates 'il bogħod minn uċuħ ittrattati. Dan il-prodott bijoċidali fih it-transfluthrin li jista' jikkawża reazzjonijiet avversi severi fil-qtates. Jekk iseħħu sinjali ta' avvelenament, fittex parir minn veterinarju immedjatament u urih il-pakkett.

Tużax fuq qtates u annimali oħra jew fuq qfief tal-annimali domestiċi għall-qtates.

Tapplikax fi kmamar fejn hemm tankijiet tal-ħut u/jew terrarji.

Tgħattix id-diffużur b'xi drapp jew materjal ieħor li jaqbad.

Tmissx id-diffużur b'idejn niedja jew oġġetti tal-metall.

Aħsel idejk wara li tpoġġi l-prodott fil-post tal-użu.

Tużax direttament fuq jew ħdejn ikel, għalf, ilma tax-xorb jew xarbiet, jew fuq uċuħ jew għodod li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett ma' ikel, għalf, ilma tax-xorb jew xarbiet, jew bhejjem/annimali domestiċi.

Tużax fi kċejjen jew fi kmamar fejn jinħażen l-ikel.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib.

Pyrethroids jistgħu jikkawżaw paresteżija (ħruq u tingiż fil-ġilda mingħajr irritazzjoni). Jekk is-sintome jippersistu: Ikkonsulta tabib.

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna:

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

JEKK JINBELA': Jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk iseħħu xi sintomi sejjaħ ĊENTRU TA' AVVELIMENT jew tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Jekk iseħħu xi sintomi laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

Miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent: il-prodott m'għandux jitħalla jidħol fis-sistema tad-drenaġġ jew jiġi f'kuntatt ma' ilma tal-wiċċ jew ilma ta' taħt l-art.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Armi f'mod sikur skont ma jitolbu r-regolamenti lokali/nazzjonali. Armi l-kontenut u l-kontenitur f'punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali. Evita r-rilaxx fl-ambjent.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ipproteġi mill-ġlata. Aħżen f'post frisk u xott, 'il bogħod mid-dawl tax-xemx dirett.

Żomm fejn ma jintlaħaqx mit-tfal u minn annimali u annimali domestiċi mhux fil-mira.

kemm idum tajjeb il-prodott: 2 snin

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

-

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 2**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Elektrický odparovač proti komárom	qasam tas-suq: UE
	Mata-mosquitos líquido elétrico	qasam tas-suq: UE
	Elektrofumigator z płynem przeciw komarom	qasam tas-suq: UE
	Anti-muggenvloeistof elektrisch	qasam tas-suq: UE
	Elettroemanatore liquido anti zanzare	qasam tas-suq: UE
	Recharge liquide pour diffuseur électrique anti-moustique	qasam tas-suq: UE
	Antimosquitos eléctrico en líquido	qasam tas-suq: UE
	Ηλεκτρική συσκευή με υγρό κατά των κουνουπιών	qasam tas-suq: UE
	Anti-Moskito-Flüssigkeit elektrisch	qasam tas-suq: UE
	Elektrický odpařovač kapaliny proti komárům	qasam tas-suq: UE
	Elektrický odparovač proti muchám a komárom	qasam tas-suq: UE
	Mata-moscas e mosquitos líquido elétrico	qasam tas-suq: UE

	Elektrofumigator z płynem przeciw muchom i komarom	qasam tas-suq: UE
	Anti-vliegen- en anti-muggenvloeistof elektrisch	qasam tas-suq: UE
	Elettroemanatore liquido anti mosche e zanzare	qasam tas-suq: UE
	Recharge liquide pour diffuseur électrique anti-mouche et anti-moustique	qasam tas-suq: UE
	Repelente de moscas y mosquitos eléctrico en líquido	qasam tas-suq: UE
	Ηλεκτρική συσκευή με υγρό κατά των μυγών και των κουνουπιών	qasam tas-suq: UE
	Anti-Fliegen- und -Moskito-Flüssigkeit elektrisch	qasam tas-suq: UE
	Elektrický odpařovač kapaliny proti mouchám a komárům	qasam tas-suq: UE
	LED TFT 095	qasam tas-suq: UE
	Anti fly and mosquito liquid electric	qasam tas-suq: UE
	Anti mosquito liquid electric	qasam tas-suq: UE
	VAPONA LIQUID ELECTRIC	qasam tas-suq: UE
	MÜCKENSTECKER FLÜSSIG ELEKTRISCHE	qasam tas-suq: UE

	Vapona Elektrisch Vloeibaar tegen muggen	qasam tas-suq: UE
	Dum Dum Eléctrico Voadores líquido	qasam tas-suq: UE
	Bloom eléctrico voladores líquido	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0033413-0002 1-2	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Transfluthrin		sustanza attiva	118712-89-3	405-060-5	0,95 % (w/w)
Isopropyl myristate	1-Methylethyl Tetradecanoate	Sustanza mhux attiva	110-27-0	203-751-4	85 % (w/w)